**IL-ĦOLMA TA’ NEBUKADNESSAR**
**(Danjel 2:31-45)**

(1) *Il-ħolma*. Ħarsa fuq Danjel 2:31-45 tirrifletti kif Nebukadnessar ra f’ħolma, kif huwa rrelatat lilu minn Danjel, statwa li kienet kbira ħafna, tiddi, u tal-biża’. Dwar l-istatwa, ir-ras tagħha kienet ta’ deheb mill-aħjar, sidirha u dirgħajha kienu tal-fidda, żaqqha u kuxxtejha kienet tal-bronż, riġlejha tal-ħadid, u saqajha biċċa tal-ħadid u biċċa tat-tafal. L-istatwa irrappreżentat erba’ imperi tad-dinja li kienu: l-Imperu ta’ Babel, l-Imperu Medo-Persjan, l-Imperu Grieg, u l-Imperu Ruman—li Alla kien se jqajjem sabiex kull wieħed minnhom ikun jista’ jagħti l-kontribuzzjoni pekulari tiegħu “għat-twettiq taż-żmien.”

Nebukadnessar ra wkoll ġebla maqtugħa mingħajr idejn minn muntanja, b’hekk tindika li ma kinetx parti mix-xogħol tal-bniedem, u dik il-ġebla laqtet l-istatwa f’saqajha; u, mbagħad, din kibret u mliet l-art kollha. It-tifsira hija li fiż-żmien ta’ l-Imperu Ruman l-Alla tas-sema “jwaqqaf saltna li ma tinqered qatt, lanqas ma l-ħakma tagħha ma tgħaddi għal poplu ieħor; imma hija tfarrak u ttemm is-saltniet l-oħra kollha.” (Danjel 2:44).

(2) *It-twettiq tagħha*. Il-każ għat-twaqqif attwali tas-saltna ta’ Alla matul il-jiem tas-slaten Rumani—jew imperaturi, huwa kif ġej: Danjel ipprofetizza t-twaqqif tas-saltna (Danjel 2:44); Gabrijel ħabbar il-konċepiment tas-sultan (Luqa 1:30-32); nies għorrief mil-lvant antiċipaw it-twelid tas-sultan (Mattew 2:1-2); Ġwanni l-Battista ħabbar lis-saltna kienet qrib (Mattew 3:1-2); Gesù ppriedka lis-saltna kienet qorbot (Mattew 4:17, 23); l-appostli kienu ordnati biex jippriedkaw lis-saltna kienet fil-qrib (Mattew 10:5-7); is-sebgħin kienu nfurmati lis-saltna ta’ alla kienet fil-qrib (Luqa 10:11); Ġesù esklama li kien hemm xi wħud minn dawk li kienu Miegħu ma kinux se jduqu l-mewt qabel ma jaraw is-saltna ġejja bil-qawwa (Mark 9:1); Pietru ħabbar f’Pentekoste, il-jum li fih ġiet il-qawwa, li Alla kien qajjem lil Kristu u gkemm Mulej u kemm Kristu (Atti 2:29-36); Pawlu kiteb lil Timotju li l-Mulej Ġesù huwa s-Suvran imbierek u waħdieni, is-Sultan tas-slaten, u s-Sid tas-sidjien (1 Timotju 6:15); it-Tessalonikin kienu qegħdin isofru għas-saltna (2 Tessalonikin 1:5); il-Kolossin kienu mdaħħla fis-saltna (Kolossin 1:1`3); il-Lhud kienu rċevew saltna li ma tistax tkun imħarrka (Lhud 12:28); l-appostlu Ġwanni kien fis-saltna (Rivelazzjoni 1:8); u skond l-appostlu Pawlu, “Kristu għandu jsaltan—**li jirrifletti l-fatt li Hu qiegħed isaltan issa**—sa ma jqiegħed l-egħdewwa tiegħu b’mirfes taħt riġlejh” (1 Korintin 15:25-26). Fil-qosor, il-wegħdiet tas-saltna ta’ Danjel, kif ukoll ta’ profeti oħra, ikkuntemplaw lil-knisja bħala li tkun is-altna spiritwali ta’ Iżrael.. Biex jillustra, l-appostlu Pawlu iddikjara lil dawk li huma ħolqien ġdid—u la li huma ċirkonċiżi u lanqas li mhumiex ċirkonċiżi, bħal dawn—huma “l-veru Iżrael ta’ Alla” (Galatin 6:11-16). F’Rumani 2:28-29, Pawlu kiteb:

> *“**<u>Għax</u> mhux** min jidher minn barra, hu Lhudi; lanqas m’hi ċirkonċiżjoni, dik li tidher minn barra fil-ġisem: **<u>Iżda</u> hu Lhudi**, dak li hu wieħed minn ġewwa; u ċ-ċirkonċiżjoni **hi dik tal-qalb, fl-Ispirtu**, u mhux **fl-ittra**; u t-tifħir tiegħu mhux tal-bnedmin, imma ta’ Alla.”*

## "FIL-JIEM TA' DAWK IS-SLATEN"
## (Danjel 2:44)

"*Fil-jiem dawn is-slaten, Alla tas-sema jqajjem saltna li ma tinqered qatt, u li l-ħakma tagħha ma tgħaddix għal popplu ieħor. Hija tfarrak u ttemnm is-saltniet l-oħra kollha, waqt li hi tibqa' wieqfa għal dejjem*" (Danjel 2:44).

**A.**

8. "*Fil-jiem ta' dawn is-slaten.*" Dawn il-jiem bdew ma' l-ewwel waħda minn dawn is-saltniet, u ġew dritt l-isfel għat-tmiem ta' dik il-linja ta' slaten.
9. Huma l-jiem ta' dawk is-slaten *fil-passat*?
10. Jekk iva, dik is-saltna kienet *ġiet imwaqqfa*.
11. Dik il-linja ta' slaten bdiet b'Nebukadnessar, skond Danjel, u kompliet għas-sena 476 W.K.
12. Ruma, l-aħħar minn dawn l-erba' saltniet, spiċċat fis-sena 476 W.K.
13. Dak kien it-tmiem ta' "dawk is-slaten"—it-tmiem ta' din il-linja ta' slaten.
14. Mela, dik is-saltna kellha tkun imwaqqfa bejn l-ewwel saltna u l-aħħar saltna ta' Danjel jew inkella dik il-profezija għadha mhix imwettqa.
15. Imma meta l-aħħar saltna ġiet fit-tmiem? Din ġiet fit-tmiem meta fis-sena 476 W.K. Ruma telqet. Hekk tgħid l-istorja.
16. L-ewwel saltna hija dik ta' Babel, it-tieni saltna hija dik Medo-Persjana, it-tielet saltna hija tal-Maċedonja jew Griega, u r-raba' saltna hija dik ta' Ruma.
17. Mela, *bejn* l-ewwel saltna, dik ta' Babel, u l-aħħar saltna, dik Rumana, is-saltna ta' Alla kellha tkun imwaqqfa.
18. Jekk le, din ma tkunx "f'dawk il-jiem ta' dawn is-slaten," mhux hekk?

**B.**

19. Issa, ġiet is-saltna fil-jiem ta' dawn is-salten?
20. Ħalli nħallu lil Mulej tagħna Ġesù Kristu jwieġeb. Ġesù qal hekk:

**Mark 1:14-15**,

"*Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar il-bxara t-tajba ta' Alla u jgħid: **Iż-żmien huwa mitmum, u s-saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-bxara t-tajba**.*"

21. Liema saltna hija din? Is-saltna ta' Alla. Is-saltna ta' Danjel 2:44.
22. Imbagħad aħna għandna f'Mark 1:15 it-twettiq ta' Danjel 2:44.

"***Iż-żmiem huwa mitmum**, u s-saltna ta' Alla walset.*"

23. Hemm ħafna teoriji foloz dwar it-twaqqif tas-saltna imma aħna li jimpurtana huwa biss dak li jgħid l-Ispirtu s-Santu fil-Kelma Tiegħu.
24. Aħna m'għandniex għalfejn nitteorizzaw fuq x'inhu mifisser fil-frażi "fil-jiem ta' dawk is-slaten."
25. Danjel jgħid fejn is-slaten ta' din l-istatwa bdew, u Ġesù jgħid fejn jispiċċaw.

26. L-istatwa tal-ħolma ta’ Nebukadnessar hija kif ġej:

27. Ir-*ras* tagħha kienet ta’ *deheb mill-aħjar*.

28. *Sidirha* u *dirgħajha* tal-*fidda*.

29. *Żaqqha* u *kuxtejha* tar-*ram*.

30. *Saqajha* tal-*ħadid* u *riġlejha* u s-*swaba ta’ riġljeha* tat-*tafal*.

31. Issa, huwa aċċettat minn kulħadd li din l-istatwa tirrappreżenta **erba’** monarkiji suċċessivi, jew **erba’** qawwiet tad-dinja—**erba’** slaten u s-saltniet tagħhom.

32. Għaliex erba’ u mhux aktar kif jippruvaw jgħidu l-profeti u l-għalliema foloz?

33. Danjel stess jgħidilna f’kapitlu 7:1-28 fejn għandna viżjoni li hija paralella ma’ dik ta’ Danjel 2:

a. Hawn għandna **erba’** bhejjem kbar tal-baħar. **Erba’** mhux ħamsa!

i. **L-ewwel** bhima – **l-iljun** (vers 4) irrappreżentat l-**Imperu ta’ Babel** kif kien il-każ tar-ras ta’ l-istatwa ta’ “deheb mill-aħjar,” u l-ġwienaħ’ l-ajkla jirrappreżentaw il-qawmien ta’ malajr ta’ dak l-imperu għas-setgħa.

ii. **It-tieni** bhima, **l-ors** (v. 5), irrappreżentat l-**Imperu Medo-Persjan**, kif kien il-każ tas-sider u d-dirgħajn tal-fidda ta’ l-istatwa, u din hija mwaqqfa fuq ġenb wieħed li rrappreżentat kif Darjus il-Medi kellu jaħkem Babel qabel ma wasal Ċiru l-Persjan; u aktar tard, it-tliet kustilji f’ħalq il-bhima irrappreżentaw ir-rebħa Medo-Persjana u d-dominanza fuq Babel, Lidja, u l-Eġittu.

iii. **It-tielet** bhima, **il-ljupard**, (vers 6), irrappreżentat l-**Imperu Grieg**, kif kien il-każ taż-żaqq tal-bronż ta’ l-istatwa, u l-erba’ ġwienaħ ta’ l-ajkla irrappreżentaw il-qawma ta’ malajr ta’ dak l-imperu għas-setgħa; u mbagħad, l-erbat irjus irrappreżentaw kif li fil-mewt ta’ Alessandru l-Kbir, is-altna tiegħu tkun maqsuma fost l-erba’ ġenerali tiegħu.

iv. **Ir-raba’** bhima tal-baħar, **li tkexkex, u twerwer**, (v. 7), bi snien kbar tal-ħadid u b’għaxart iqrun, irrappreżentat lil l-**Imperu Ruman**, kif kien il-każ tas-saqajn tal-ħadid ta’ l-istatwa u r-riġlejn tat-tafal, parti ħadid u parti tafal, u d-deskrizzjoni feroċi ta’ dik il-bhima li tkexkex irrappreżentat il-qawwa u l-feroċità ta’ l-Imperu Ruman.

34. Hemm interpretazzjonijiet dwar dawnil-kapitli minn Danjel.

a. Imma jekk aħna nħallu l-iskrittura tinterpreta lilha nfisha u nitkellmu fejn il-Bibbja titkellem u nibqgħu siekta fejn il-Bibbja hija siekta, allura d-diffikultà tonqos ħafna dwar it-tifsira tagħhom.

b.

35. U dan kien “fil-jiem ta’ dawn is-slaten.”

36. Għandna aħna għalfejn nissopponu? Le. Danjel qal lil Nebukadnessar:

“***Inti** huwa r-ras tad-deheb*” (Danjel 2:38).

**Ċ.**

1. Nebukadnessar—*inti din* ir-ras tad-deheb.

2. Jibdew, mela, b'Nebukadnessar, l-erba' monarkiji suċċessivi, kif l-istoriċi kollha, jaqblu, kienu Babel, Medo-Persjana, Griega (jew tal-Maċedonja), u Rumana.

3. Kien fil-jiem ta' *dawn is-slaten*—l-imperaturi Rumani—li Ġwanni l-Battista u Ġesù ħabbru:

"*iż-żmien huwa **mitmum**, u s-saltna ta' Alla waslet*" (Mark 1:15).

37. Għalhekk, fil-jiem ta' dawk is-slaten, l-Alla tas-sema tabilħaqq waqqaf saltna.

38. **Babel** kienet spiċċat; is-saltna **Medo-Persjana** kienet spiċċat; is-saltna tal-**Maċedonja** kienet spiċċat; is-saltna **Rumana**, l-aħħar mill-erba' kienet fl-eżistenza.

39. Imbagħad iż-żmien kien *mitmum*, imwettaq u s-saltna ta' Alla *kienet* fil-qrib.

**Iżda għaddew elfejn sena u dawn il-profeti u għalliema foloz għadhom jgħidulna li s-saltna għadha ma ġietx!**

**D.**

1. L-Imperu Ruman spiċċa u dik il-linja ta' slaten spiċċat ukoll.
2. u issa, sabiex titwettaq il-profezija, dawk il-profeti u għalliema foloz fasslu teorija li ġġib lura lil **Ruma** pagana, bil-ħażen kollu tagħha, lura fl-eżistenza.
3. U dawn il-profeti u l-għalliema foloz iġebbdu s-saqajn u r-riġlejn u s-swaba ta' l-istatwa għal elfejn sena ta' storja sa minn meta *ż-żmien* kien *mitmum*, u jistiraw-hom biżżejjed biex jilħqu t-tieni miġja ta' Kristu, biex jagħmluhom jaqblu mat-teoriji tagħhom!
4. Dan l-immanipular kollu ta' slaten u saltniet huwa sabiex jippruvaw li ftit versi f'Rivelazzjoni 20 huma letterali u mhux figurattivi kif fil-fatt huma!
5. Hija ħaġa li ma titwemminx li dawn il-profeti u l-għalliema foloz imorru għal estremi bħal dawn!

**E.**

1. Mela, teorija li titlob dik ix-xorta ta' prova li tasserixxi hija ħażina għal kollox.
2. Iż-żmien kien *mitmum* jew imwettaq, imma s-saltna li tappartjeni għal dak iż-żmien ma kinetx!
3. Dak huwa t-tmiem redikolu ta' din it-teorija.
4. Issa ħalli nqabblu siltiet oħra ma' Danjel 2:44.

***(1) Danjel 2:44—Lhud 12:22-28.***

"*U fil-jiem ta' dawk is-slaten, iqajjem Alla tas-sema saltna, li qatt ma titwaqqa'; saltna li ma titħalliex għal poplu ieħor; iżda hi tfarrak u teqred dawn is-saltniet kollha, u hi tibqa' għal dejjem*" (Danjel 2:44).

"*Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon, u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, Ġerusalem tas-sema, u lejn numru bla għadd ta' anġli, Lejn il-ġemgħa l-kbira, u l-knisja ta' l-ulied il-kbar, li huma miktubin fis-smewwiet. . . Għalhekk, ladarba aħna ksibna saltna li ma titħarrikx, ħa*

*nżommu l-grazzja, li biha nistgħu naqdu 'l Alla kif jixraq, bil-ġieħ u l-biża'*" (Lhud 12:22-28).

6. X'inhi d-differenza bejn saltna li "***tibqa' għal dejjem***," u waħda li "***ma titħarrikx***"?
7. Il-kittieb ispirat jgħid li aħna għandna dik is-saltna *li ma tistax titħarrek*.
8. Il-profeti u l-għalliema foloz jgħidu li s-saltna li ma tistax titħarrek għadha fil-futur.
9. Il-kittieb ispirat ta' l-Ittra lil-Lhud jgħid lis-saltna li ma titħarrikx kienet *mik-suba*. Meta din tinkiseb?
10. Meta aħna nersqu "lejn il-knisja ta' l-ulied il-kbar"—meta aħna nidħlu fil-knisja, aħna nidħlu fis-saltna li ma titħarrikx.
11. Tajjeb, jekk din ma titħarrikx allura din ma tispiċċax.
12. **Għalhekk is-saltna li aħna għandna u li ninsabu fiha ma tistax tispiċċa biex tħalli l-oħra li l-profeti u l-għalliema foloz iridu li tibda għal elf sena fuq l-art!**
13. Dik is-saltna li tagħha, aħna bħala Kristjani, nagħmlu parti minnha, tieqaf għal dejjem u hija saltna li ma titħarrikx.
14. Jekk dawn mhumiex saltna waħda u l-istess, allura l-profeti u l-għalliema foloz għandhom iħabbtu wiċċhom ma' l-anomalija li għandhom żewġ saltniet li ma jitħarrkux u li ma jispiċċaw qatt fl-eżistenza fl-istess żmien—għaliex waħda ma tistax tispiċċa biex tħalli lil l-oħra tibda!
15. Għalhekk, is-saltna ta' Danjel 2:44, li għandha tibqa' għal dejjem, u s-saltna ta' Lhud 12:28, li l-Ispirtu s-Santu qal li ma titħarrikx, għandhom ikunu waħda u l-istess saltna.
16. Il-kittieb ispirat ta' l-Lhud jgħid li aħna "**ksibniha**."

**F.**

***(2) Isaija 2:2-3—Danjel 2:44—Lhud 12:22-28.***

Ħalli nqabblu dawn is-siltiet:

> "*U jiġri fl-aħħar jiem, illi l-muntanja ta' dar il-Mulej tkun imwaqqfa f'ras il-muntanja, u tintrafa' 'l fuq mill-għoljiet, u l-ġnus kollha jiġru lejha. U ħafna nies imorru, u jgħidu: Ejjew, ħa nitilgħu fuq il-muntanja tal-Mulej, fid-dar ta' Alla ta' Ġakobb; u hu jgħallimna triqatu, u aħna nimxu fil-mogħdijiet tiegħu: għax minn Sijon toħroġ il-liġi, u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalem*" (Isaija 2:2-3).

1. Danjel qal li Alla kellu jwaqqaf saltna fil-jiem ta' dawk is-slaten.
2. Isaija qal li din tkun il-muntanja ta' dar tal-Mulej.
3. Imma l-kittieb ta' Lhud jgħid li din hija t-tnejn: *Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon . . . Għalhekk aħna qegħdin nirċievu, niksbu s-saltna* (Lhud 12:22-28).

4. X'inhi l-muntanja li hija msemmija minn Isaija? Hija l-muntanja Sijon.
5. U x'inhi din? Hija l-knisja ta' l-ulied il-kbar—is-saltan li ma titħarrikx.
6. Hawn għandna t-twettiq tal-profezija ta' Danjel, Mhux jiena qiegħed ngħidu dan. Ġesù u Ġwanni qalu,

   "*Iż-żmien huwa mitmum u s-saltna ta' Alla hija fil-qrib*" (Mark 1:15).

7. Il-kittieb ispirat ta' l-Ittra lil-Lhud qal li din kienet miksuba.
40. Imma sfortunatament il-Millenjalisti jgħidu li s-saltna għadha ma ġietx.
41. Lil min aħna għandna nemmnu, lil l-Ispirtu s-Santu jew lill-profeti u l-għalliema foloz?
42. Il-kustjoni hija, mhux bejna u bejn il-Millenjalisti imma bejn dawk il-profeti foloz u l-għalliema foloz u Ġesù Kristu.

**Ġ.**

***(3) Danjel 7:13-14—Atti 1:9.***

1. Issa, ħalli ndawru l-attenzjoni tagħna għal Danjel 7:13-14.
2. Il-Millejnalisti xi kultant jikkwotaw dawn il-versi bħallikieku dawn jiffavorixxu t-tagħlim falz tagħhom.

   "*Bqajt inħares fid-dehriet tal-lejl, u, ara, mas-sħab tas-sema kien ġej wieħed bħal Bin il-bniedem, u resaq lejn ix-Xiħ fil-jiem, u ressquh quddiemu. U lilu kienet mogħtija ħakma, u glorja, u saltna, biex il-popli kollha, ġnus, u nies ta' kull ilsien jaqduh; il-ħakma tiegħu, ħakma ta' dejjem, li ma tgħaddix, u s-saltna tiegħu li ma tinqeridx*" (Danjel 7:13-14).

3. F'dik il-viżjoni Danjel ra wieħed bħal Bin il-bniedem, li "ġie mas-sħab tas-sema, u resaq lejn ix-Xiħ fil-jiem."
4. Danjel ma qalx ***ġej mingħand*** ix-Xiħ fil-jiem, imma ***resaq lejn*** ix-Xiħ fil-jiem.
5. Imma l-Millenjalisti għandhom dik il-profezija bil-kontra; huma għandhom lil Kristu ***ġej mingħand*** Alla—ix-Xiħ fil-jiem.
6. Dik il-profezija qalet li Kristu *resaq lejn* ix-Xiħ fil-jiem, lejn Alla l-Missier.
7. Qiegħed tara kif tkun imqarraq b'tagħlim falz mingħajr lanqas biss ma tintebaħ?
8. Danjel jara lil Kristu, Bin il-bniedem, jersaq lejn ix-Xiħ fil-jiem, riesaq lejn Alla—għal xhiex?
9. Biex jirċievi saltna. Tajjeb, irċeviha Hu? Ħalli mmorru għal Atti 1:9-11.

   "*Wara li qal dawn il-ħwejjeġ, huma u jħarsu, irtafa'; u sħaba ħaditu minn quddiem għajnejhom. U huma u jħarsu fiss lejn is-sema waqt li kien tiela', ara, waqfu ħdejhom żewġt irġiel lebsin l-abjad; li wkoll qalu: Ja rġiel mill-Galilija, għax qegħdin tħarsu fiss lejn is-sema? Dan l-istess Ġesù, li rtafa' fis-sema minn magħkom, hekk għad jarġa' jiġi bħal ma rajtuh sejjer fis-sema*"

10. Danjel qal li Bin il-bniedem resaq lejn ix-Xiħ fil-jiem biex jirċievi ħakma, glorja u saltna.

43. Hu ***mar*** biex jirċeviha, imma Hu ma rċevihiex!

44. F'**Efesin 1:20-23** l-appostlu Pawlu jgħid li Ġesù rċieva l-ħakma li Danjel qal li Hu mar biex jirċievi, meta Hu kien magħmul Ras tal-knisja. Isma' x'qal Pawlu:

> "*Li għamel fi Kristu, meta qajmu mill-imwiet, u qiegħdu fin-naħa tal-lemin tiegħu stess fis-smewwiet. Wisq 'il fuq minn kull prinċipat, u setgħa, u qawwa, u ħakma, u kull isem li jissemma, mhux biss f'did-dinja, imma f'dik ukoll li ġejja: U qiegħed il-ħwejjeġ kollha taħt riġlejh, u lilu għamlu fuq kollox, biex ikun ir-ras tal-knisja. Li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox*" (Efesin 1:20-23).

**G.**

1. Issa ħalli naraw sekwenza ta' Skritturi li jittrattaw dwar is-saltna: Mark 9:1—Atti 1:8—Atti 2:1-4.

2. Ħalli naqraw **Mark 9:1**,

> "*U qalilhom: Tassew ngħidilkom: Hemm x'uħud milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, qabel ma jaraw is-saltna t'Alla ġejja bil-qawwa.*"

3. Qabel ma nibdew is-serje ta' skritturi tajjeb li niġbed l-attenzjoni għal silta li hija wżata b'mod żbaljat għal kollox mill-Millenjalisti.

4. Qiegħed nirriferi għal **Mattew 24:32-35** dwar il-parabbola tas-siġra tat-tin. Ġesù f'vers 33,

> "*Hekk ukoll meta taraw dan kollu, kunu afu li hu fil-qrib, fil-bieb.*"

5. Dan il-vers huwa wżat ħażin u jintqal li "hu fil-qrib, fil-bieb," l-"hu," qed tirriferi għal Ġesù Kristu fit-tieni miġja tiegħu.

6. Dan huwa żbaljat għal kollox għaliex fit-test il-Grieg ma hemm ebda pronom personali ta' xi xorta, jiġifieri, *ho* għal l-hu fit-test Malti.

7. Il-Grieg għandu biss il-verb *estin*, li huwa tradott fil-Malti *hija jew Din*.

8. It-tifsira tagħtiha l-Kelma ta' Alla nfisha fejn naqraw f'Luqa 21:32,

> "*Hekk ukoll meta taraw dan jiġri, kunu afu li* ***s-saltna ta' Alla*** *hi fil-qrib.*"

9. Ġesù **mhuwiex** is-suġġett hawn.

10. "Din" (jiġifieri, is-saltna ta' Alla) hija s-suġġett.

11. Is-"sinjali" li ta Ġesù sa dan il-punt kienu kollha ħfief li jingħarfu billi l-miġja tar-rebbiegħa tidher bla ebda problema permezz tar-rimi u l-weraq tas-siġra tat-tin.

12. U dak li kien tant faċli li jkun aċċertat ma kinetx *it-tieni miġja ta' Kristu*, kif jippruvaw jgħallmu l-Millenjalisti, imma "s-saltna" messjanika "ta' Alla" fis-setgħa tagħha fuq il-Ġudaiżmu, li kien wasal biex jitneħħa.

**13.** Ħaġa oħra li nixtieq niġbed l-attenzjoni għaliha qabel in-komplu bis-suġġett tagħna, hija li xi profeti u għalliema foloz, biex jippruvaw jingannaw lin-nies, **jgħidu lis-saltna ta' Alla mhix is-saltna ta' Kristu.**

14. Hawn wieħed jara sa fejn jaslu dawn il-profeti foloz biex jgħallmu t-teoriji foloz tagħhom.

15. Imma Alla kien jaf li se jkun hawn dan it-tagħlim falz u għalhekk wissa meta qal:

> "*L-Ispirtu jgħidha ċar li fl-aħħar taż-żminijiet xi wħud jitbiegħdu mill-fidi u jagħtu widen għal spirti qarrieqa u għal tagħlim tax-xjaten. Dawn jisfaw imqarrqa minn nies giddieba, li għandhom il-marka tal-ħażen fuq il-kuxjenza tagħhom.*"

16. Imma fil-Kelma Tiegħu, l-Ispirtu s-Santu jagħtihom tweġiba lil dawn il-profeti u għalliema foloz fejn f'Efesin 5:5 jurihom li s-Saltna ta' Alla u s-Saltna ta' Kristu huma l-istess saltna, saltna **waħda** u mhux tnejn!

> "*Għax dan kunu afu: li ebda żieni jew faħxi jew rgħib—li hu idolatra —ma jkollu wirt* ***fis-saltna ta' Kristu u ta' Alla****.*"

17. Hawn, biex ikun ċar ħafna, l-Ispirtu s-Santu ma qalx, permezz ta' Pawlu, "fis-saltna ta' Kristu, *u fis-saltna* ta' Alla," biex juri li hemm *żewġ saltniet*, lanqas ma qal "fis-*saltniet* ta' Kristu u ta' Alla," imma, biex juri li hemm saltna **waħda biss**, qal bi kliem ċar u sempliċi:

> "*Fis-***saltna** *ta' Kristu* **u** *ta' Alla.*"

b. Hemm saltna waħda biss u mhux se jkun hemm oħra fil-futur!

**Ħ.**

1. Issa ħalli nkomplu bis-serje ta' Skritturi tagħna.

2. L-ewwel naqraw mill-Vanġelu ta' Mark u naraw x'qal Ġesù dwar is-saltna ta' Alla:

**Mark 1:15**,

> "*Iż-żmien mitmum, u s-saltna ta' Alla hija fil-qrib: indmu, u emmnu l-evanġelju.*"

3. Is-saltna kienet għadha ma ġietx hawn, imma kienet "*fil-qrib.*"

4. Aktar wara, Ġesù qal lid-dixxipli Tiegħu biex jitolbu "*tiġi saltnatek*" (Mattew 6:9).

5. Is-saltna kienet għadha ma ġietx hawn. Imma Ġesù qalilhom li x'uħud ikunu għadhom ħajjin meta kellha tiġi s-saltna (Mark 9:1).

6. Meta Ġesù miet fuq is-salib, Ġużeppi ta' Arimateja, "*u kien hu wkoll jistenna s-saltna t'Alla,*" ħa l-ġisem ta' Ġesù "*u geżwru fil-għażel, u qiegħdu f'qabar imħaffer bil-blat, li fih ħadd ma kien għadu tqiegħed*" (Luqa 23:50-53).

7. Dan ir-raġel *stenna* għas-saltna. Is-saltna kienet għadha ma ġietx.

8. Imbagħad, wara l-qawmien, meta Kristu kien mad-dixxipli Tiegħu fil-jum tat-tlugħ Tiegħu fis-sema, aħna għandna din il-konverżazzjoni miktuba:

> "*Mela meta ltaqgħu flimkien, staqsewh, billi qalulu: Mulej, jaqaw f'dan iż-żmien sa tarġa' twaqqaf is-saltna ta' Iżrael? U qalilhom: Mhux għalikom li tkunu tafu ż-żminijiet jew il-waqtiet, li l-Missier*

*qiegħed taħt is-setgħa tiegħu stess. Imma intom tieħdu qawwa, wara li jiġi l-Ispirtu s-Santu fuqkom: u tkunu xhud tiegħi sew f'Ġerusalem, u kemm fil-Lhudija kollha, u fi-Samarija, u sa truf l-art*" (Atti 1:6-8).

9. Sa dan il-waqt is-saltna kienet għadha ma ġietx.
10. Is-saltna kienet għadha ma ġietx meta Ġwanni l-Battista qal li "kienet qorbot."
11. Kienet għadha ma ġietx meta Ġesù qal lid-dixxipli Tiegħu biex jitolbu "tiġi saltnatek."
12. Kienet għadha ma ġietx meta Ġużeppi ta' Arimateja "kien ukoll jistenna s-saltna."
13. U d-dixxipli kienu għadhom qegħdin jistennewha meta Ġesù tela' s-sema.
14. Imma Ġesù kien qal lid-dixxipli Tiegħu li x'uħud minnhom ma jmutux qabel ma jaraw is-saltna ta' Alla tkun ġiet.
15. Ġesù qal li s-saltna tiġi qabel il-mewt ta' x'uħud minnhom.
16. Imma l-Millenjalisti jgħidu li għadha ma ġietx.

**H.**

8. X'saltna kienet dik?

   "*Hemm x'uħud milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, qabel ma jaraw* ***is-saltna t'Alla ġejja bil-qawwa***" (Mark 9:1).

9. Issa, meta ġiet il-qawwa? Dan għandu jqiegħed il-kustjoni kollha f'postha.

   "*Imma intom tieħdu l-qawwa, wara li jiġi l-Ispirtu s-Santu fuqkom: u tkunu xhud tiegħi sew f'Ġerusalem, u kemm fil-Lhudija kollha, u fis-Samarija, u sa truf l-art*" (Atti 1:8).

10. Issa aqra dak li hemm f'Atti 2:1-4,

   "*U meta wasal jum il-Pentekoste, kienu kol-lha b'fehma waħda, f'post wieħed. U f'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha ta' fejn kienu qegħdin. U hemm dehrulhom ilsna mifruqin qishom tan-nar, li qagħdu fuq kull wieħed minnhom. U mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu, u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, kif l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.*"

**J.**

8. Issa aħna naslu għall-konklużjoni fis-silloġiżmi li ġejjin:
   a. Il-qawwa ġiet meta ġie l-Ispirtu s-Santu.
   b. l-Ispirtu s-Santu ġie fil-jum ta' Pentekoste.
   c. Għalhekk, il-qawwa ġiet fil-jum ta' Pentekoste.
   d. Is-saltna kellha tiġi bil-qawwa.
   e. Il-qawwa ġiet fil-jum ta' Pentekoste.
   f. Għalhekk, is-saltna ġiet fil-jum ta' Pentekoste.

2. Issa, li rajna lis-saltna li kienet ipprofetizzata minn Danjel, u mħabbra minn Ġwanni l-Battista u minn Ġesù, bdiet fil-jum ta' Pentekoste f'Atti 2.

## IL-ĦOLMA TA' NEBUKADNESSAR

| IL-ĦOLMA | IT-TIFSIRA | IT-TWETTIQ |
|---|---|---|
| Ras tad-Deheb | Nebukadnessar (2:38) | Imperu ta' Babel (era finali) 626Q.K. sa 539 Q.K. |
| Sider u Dirgħajn tal-Fidda | It-Tieni Saltna (2:39) | Imperu Medo-Persjan 539Q.K. sa 331 Q.K. |
| Żaqq u Kuxtejn tar-ram | It-Tielet Saltna (2:39) | Imperu Grieg 331 Q.K. sa 168 Q.K. |
| Saqajn tal-Ħadid u Riġlejn tat-Tafal | Ir-Raba' Saltna (2:40) | Imperu Ruman 133Q.K. sa 476 W.K. |
| Ġebla li Laqtet l-Istatwa | Saltna ta' Dejjem (2:44) | Saltna ta' Kristu, il-Knisja Tiegħu – 33 W.K. għal l-eternità |

## SALTNA FIL-FUTUR

1. **Mattew 3:1-2,**

   "*F'dawk il-jiem deher Ġwanni l-Battista jippriedka fid-deżert tal-Lhudija u jgħid: 'Indmu,* ***għax is-saltna tas-smewwiet qorbot****.*"

2. **Mattew 4:23,**

   "*U dar il-Galilija kollha jgħallem fis-sinagogi* ***tagħhom ixandar l-evanġelju tas-saltna****.*"

- Mistoqsija: **Liema** saltna?

1. **Mattew 6:9-10**,

   "*Missierna, li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek,* ***tiġi saltnatek****, ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.*"

- Mistoqsija: **Liema** saltna? Suppost li saltna waħda hemm! (Ara Efesin 1:22-23; Kolossin 1:18; Efesin 4:4-6; Mattew 16:18-19).

1. **Mattew 16:19,**

   "Jiena nagħtik l-imfietaħ **tas-saltna** tas-smewwiet…"

2. **Mattew 18:1-4,**

   *"F'dak il-waqt resqu d-dixxipli lejn Ġesù u staqsewh: "Mela min hu l-akbar* ***fis-saltna*** *tas-smewwiet?" Hu sejjaħ lejh tifel ċkejken, qiegħdu f'nofshom u qalilhom, "Tassew ngħidilkom, li jekk* ***intom*** *ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma* ***tidħlux fis-saltna*** *tas-smewwiet. U għalhekk l-ikbar wieħed FIS-SALTNA tas-smewwiet huwa DAK li jċekken lilu nnifsu bħal dan it-tfajjel żgħir."*

- Mistoqsija: Dwar **liema** saltna qiegħed jitkellem Ġesù?
- Dawk li lilhom Ġesù kellem, **x'kellhom jagħmlu biex jidħlu** fis-saltna tas-smewwiet?
- **Ġwanni 3:3, 5** - Ġesù lil Nikodemu:

  *"Tassew, tassew ngħidlek, li, jekk wieħed ma jitwilidx mill-ġdid, ma jistax jara* ***s-saltna ta' Alla****….Tassew, tassew ngħidlek, li, jekk wieħed ma jitwilidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jsitax JIDĦOL* ***fis-saltna ta' Alla****."*

- **Ġwanni 4:21, 24** – Ġesù lill-mara Samaritana:

  *"Qalilha Ġesù: Emminni, mara: jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja taduraw lill-Missier,* ***ANQAS F'ĠERUSALEM****….Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh FL-ISPIRTU u l-verità."*

- Kien Ġesù qiegħed jitkellem dwar saltna li huma ma kinux jistgħu jidħlu fiha minħabba li din kienet se titwaqqaf wara t-tieni miġja ta' Kristu?
- Hemm saltna waħda biss ta' Alla!
- Ċertament li Ġesù ma kienx qiegħed jirriferi għal xi **saltna oħra** u mhux dik diġa mwaqqfa llum!
- **"ANQAS F'ĠERUSALEM"**
- U mbagħad jgħidulna li Ġesù *se jerġa' jwaqqaf is-saltna tiegħu* ***f'Ġerusalem***!
- **1 Korintin 14:33** – "Alla mhux l-awtur tat-taħwid, iżda tas-sliem,…"
- **Allura se jerġa' jiġi ż-żmien li naduraw f'Ġerusalem?**
- Żgur li le!
- **Kolossin 3:1-2,**

*"Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, **fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn Kristu qiegħed** fuq il-lemin ta' Alla. **Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk ta' l-art**."*

- Mela għalfejn naħseb f'saltna ta' l-art meta l-Kelma ta' Alla tgħidilna ċar ħafna liċ-"**ċittadinanza tagħna hi fis-sema**…"? (**Filippin 3:20**).

6. **Kolossin 1:12-13,**

   *"Ifirħu u roddu ħajr lill-Missier, li għamilkom denji li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin FIS-SALTNA tad-dawl. Ħelisna mill-ħakma tad-dlam u DAĦĦALNA FIS-SALTNA ta' Ibnu l-maħbub."*

   a. "*Saltna tad-dawl*" – Hija din l-istess saltna li hija msejħa fl-Iskrittura bħala "is-*Saltna ta' Alla*"?
   b. Ħalli nħallu l-Kelma ta' Alla tinterpreta din il-frażi għalina.
      i. Is-saltna ta' Alla. **Min** Hu Alla? **X'inhu** Alla?
      ii. **1 Ġwanni 1:5** – "*Din hi l-aħbar li smajna mingħandu u li qegħdin inxandrulkom; li ALLA HU DAWL, u ebda dlam ma hemm fih*."
      iii. Mela għaliex "is-saltna tad-dawl" u mhux "is-saltna ta' Alla"?
      iv. Jekk Alla Hu dawl allura ma tfissirx l-istess ħaġa?
      v. Ara wkoll **Ġwanni 1:1-10**.

7. **Rumani 14:17,**

   *"Is-saltna ta' Alla m'hijiex ikel u xorb, imma hi ġustizzja, u sliem, u grazzja fl-Ispirtu s-Santu."*

8. **1 Pietru 2:9-10,**

   *"Imma intom ġens maħtur, saċerdozju RJALI, nazzjon qaddis, **poplu li Alla kiseb għalih**, biex ixxandru t-tifħir ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb. Intom darba ma kontux poplu, ISSA SIRTU L-POPLU TA' ALLA, intom li darba ma kontux issibu ħniena, issa sibtu l-ħniena"* (ara **Kolossin 1:12-13**).

9. **2 Korintin 10:3-5,**

   *"Tassew li aħna ngħixu fid-dinja, **imma ma nissarawx bl-armi tad-dinja**; l-armi tagħna għall-ġlied **m'humiex tad-dinja**; iżda għandhom il-qawwa ta' Alla biex iġarrfu l-fortizzi. Aħna nwaqqgħu kull raġunament u kull kburija li tqum kontra l-għarfien ta' Alla u njassru kull ħsieb għall-ubbidjenza lil Kristu."*

10. **Ġwanni 18:36,**

    *"Wieġeb Ġesù: "**Is-saltna tiegħi m'hijiex ta' din id-dinja**. **Li kieku saltnati kienet ta' din id-dinja**, l-għases tiegħi kienu jiġġieldu biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud; **imma tabilħaqq saltnati m'hijiex ta' hawn**."*

a. Reġa' Ġesù **biddel fehemtu** u se jerġa' jwaqqaf saltna meta jerġa' jiġi, **fuq l-art?**

b. **Efesin 6:10-17** – L-armi tas-saltna huma **spiritwali**.

**11. 1 Korintin 15:50,**

"*Dan ngħidilkom, ħuti; id-demm u l-**laħam** **<u>ma jistgħux</u> jirtu s-saltna ta' Alla**; **<u>lanqas</u> in-nuqqas ta' taħsir**.*"

**12. Lhud 12:28-29,**

"*Mela roddu ħajr lil Alla għax AĦNA ĦADNA SALTNA **li ma titħarrikx**; u nagħtuh il-qima li tixraqlu, bil-ġieh u bil-biża'. Għax Alla tagħna hu nar qerriedi.*"

**13. Danjel 2:44,**

"*U **fi żmien dawk is-slaten**, iqajjem Alla tas-sema **saltna**, li qatt ma titwaqqa'; **saltna li ma titħalliex għal poplu ieħor**; iżda hi tfarrak u teqred dawn is-saltniet kollha, U HI TIBQA' GĦAL DEJJEM.*"

a. "Il-jiem ta' dawn is-slaten bdew ma' l-ewwel wieħda minn dawn is-saltniet.

b. Dawn ġew dritt l-isfel għat-tmiem ta' dik il-linja ta' slaten.

**14. Danjel 7:18,**

"*Iżda l-qaddisin ta' l-Għoli jieħdu s-saltna, u jżommu s-saltna **<u>GĦAL DEJJEM, U GĦAL DEJJEM TA' DEJJEM</u>**.*"

**15. Danjel 7:27,**

"*Is-saltna u s-setgħa u l-kobor tas-saltniet ta' taħt is-smewwiet kollha jingħataw lill-poplu tal-qaddisin ta' Alla, l-Għoli. SALTNATU <u>SALTNA GĦAL DEJJEM</u>, u kull setgħa taqdih u tisma' minnu.*"

**16. Luqa 1:30-33,**

"*U qalilha l-anġlu: La tibżax, Marija: għax int sibt grazzja quddiem Alla. U, ara, int tnissel f'gufek, u tiled iben, u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jissemma Bin il-Għoli: u l-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' missieru David: **U <u>JSALTAN GĦAL DEJJEM</u>** fuq id-dar ta' Ġakobb; **U GĦAL SALTNATU <u>MA JKUNX HEMM TMIEM</u>**.*"

- Jew is-**saltna** hija GĦAL DEJJEM JEW MHIJIEX!
- Fil-Jum ta' Pentekoste, Pietru ddikjara li l-wegħda ta' Alla lil David kienet twettqet fil-qawmien u fit-tlugħ fis-sema ta' Ġesù Kristu fl-id il-leminijia tat-tron ta' Alla (**Atti 2:30-34**).

- Is-saltna hija **spiritwali**.
- Ġesù **rrifjuta** milli jħalli lin-nies li jagħmluh sultan wara li tema' l-ħamest elef ruħ (**Ġwanni 6:14-15**).
- Ġesù qal lil Pilatu: "*Is-saltna tiegħi **mhijiex ta' din id-dinja**.*" (**Ġwanni 18:36**).
- **1 Korintin 15:24** – It-tmiem jasal meta Ġesù **jerħi s-saltna** lill-Missier.
  **a.** Hawn l-appostlu Pawlu kien qiegħed jirriferi għall-fażi tad-dinja tas-saltna.
  **b.** **2 Pietru 1:11** – Pietru wkoll għamel riferenza għal dan meta qal,

  "*U hekk ikollkom miftuħ beraħ quddiemkom il-bieb tad-**dħul fis-saltna ta' dejjem** ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.*"

17. **Mattew 13** kollu.

18. **Ġwanni 5:36** – Ġesù jkellem lil-Lhud:

"Iżda jien għandi xhieda akbar minn dik ta' Ġwanni: għax l-egħmejjel **li bagħtni ntemm** Missieri, jiġifieri dawn l-istess egħmejjel li jiena qiegħed nagħmel, jixhdu gli kien il-Missier li bagħatni."

**19. Mark 1:14-15,**

"**IŻ-ŻMIEN HUWA MITMUM**, U S-SALTNA TA' ALLA **WASLET**, indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba."

20. **Ġwanni 17:4**,

"Jien igglorifikajt lilek fuq l-art **billi temmejt ix-xogħol li tajtni nagħmel**. U issa, Missier, igglorifika lili għandek, **bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja**."

**21. Atti 13:29-33,**

"U meta temmew dak kollu li kien miktub fuqu, niżżlu mis-salib u qegħduh f'qabar. Imma Alla qajmu mill-imwiet. Għal ħafna jiem baqa' jidher lil dawk li kienu jitlgħu miegħu mill-Galilija lejn Ġerusalem, u li issa huma xiehda tiegħu quddiem il-poplu. U għalhekk aħna qegħdin hawn, biex nagħtukom il-Bxara t-tajba, il-wegħda, li Alla kien għamel lil missirijietna, **temmha** għalina, li aħna wliedhom, billi qajjem lil Ġesù mill-imwiet,…"

22. **Atti 14:1-7** – Pawlu jkellem lil-Lhud, imma "l-Lhud li ma laqgħux il-fidi…"

**23. Lhud 1:8,**

"Imma għal l-Iben igħid "It-Tron tiegħek, O Alla, għal dejjem ta' dejjem, **ix-xettru** tal-ġustizzja **hu <u>x-xettru</u> ta' saltnatek**."

**24. Ġwanni 19:30,**

*"Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: "**KOLLOX HU MITMUM!**" Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu."*

## QIEGĦED ĠESÙ JSALTAN ILLUM JEW LE?

1. **1 Timotju 6:13-16,**

   *"Nwissik quddiem Alla li jagħti l-ħajja lill-ħlejjaq kollha, u quddiem Kristu Ġesù li xehed u għamel l-istqarrija sabiħa quddiem Ponzu Pilatu. Nwissik biex tħares il-liġi u żżomm ruħek bla tebgħa u bla ħtija sa jum id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad juriha f'waqtha. Dak li hu hieni u waħdu setgħani, is-**SULTAN TAS-SLATEN** u s-Sid tas-sidien, li hu biss ma jmut qatt u jgħammar f'dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh, hu li ebda bniedem qatt ma rah u anqas jista' sarah. Lilu ġieħ u setgħa għal dejjem! Amen."*

- Ċertament li skond din is-silta Ġesù Kristu HU SULTAN!
- **JISTA' JKUN SULTAN MINGĦAJR SALTNA?**
- Kristu jsaltan fis-smewwiet għaliex it-tron ta' David qiegħed fis-smewwiet, u issa Kristu qiegħed isaltna fuq it-tron ta' David (**Salm 89:35-37; Luqa 1:33; Atti 2:29-36**).

1. Ara wkoll **Rivelazzjoni 17:14**; **Rivelazzjoni 19:16,**

## L-AĦĦAR JIEM

1. **Atti 2:16-17** = **Ġoel 3:1-5**
2. **Lhud 1:1-2** – "F'dawn l-aħħar jiem jew żminijiet."
3. **1 Tessalonikin 5:3** – it-tieni miġja tiġi f'daqqa, għallarieda.
4. **Mattew 24:36-39** " " " "

L-Imperu Ruman ikun mogħti l-ħajja mill-Ġdid?

1. **Danjel 7:22** – "…il-qaddisin IRĊEVEW is-saltna." - Meta? - Atti 2.

2. **Danjel 2:44** – "…fi żmien dawn is-slaten, Alla tas-sema jqajjem saltna li ma tinqered qatt."
   a. Is-slaten Rumani – ir-raba' saltna.
   b. **Danjel 7:23** – "Huwa qal, "Ir-raba' bhima tfisser ir-raba' saltna, li jkun hawn fuq l-art."

1. **Danjel 2:38** - L-Ewwel Saltna – **Babel**.
2. **Danjel 2:39** – It-Tieni Saltna – **Medo-Persjana**.
3. **Danjel 2:39** – It-Tielet Saltna – **Griega**.
4. **Danjel 2:40** – Ir-Raba' Saltna – **Rumana**.
   a. **Mattew 3:2** – Qorbot is-saltna – Ġwanni l-Battista.
   b. **Mark 9:1** – Qabel imutu **jaraw** is-saltna ġejja bil-qawwa.
   c. **Lhud 12:28** – "Aħna **ħadna** saltna li ma titħarrikx…"
   d. **Kolossin 1:2, 13** – Il-qaddisin meħlusa mid-dlam u **mdaħħla** fis-saltna…"

1. **Danjel 7:22** – "Sama ġie x-Xiħ fil-jiem, u ngħata l-ħaqq lill-qaddisin ta' l-Għoli; u wasal iż-żmien li l-qaddisin **ħadu** s-saltna." - **kien imwettaq.**

2. **Danjel 7:28** – "**Sa hawn, tmiem ir-rivelazzjoni**…"
    a. Ma tistax terġa' tqajjem l-Imperu Ruman!

1. **Luqa 19:12, 15** – Kristu rċieva s-saltna.

2. **1 Korintin 15:28** – **Hu se jerġa' jagħtiha lura lill-Missier!**
    a. Temmen int li l-Missier **se jerġa'** jagħtiha lura lil Kristu għal elf sena fuq l-art?
    b. U li Kristu **jerġa'** jagħtiha lura lill-Missier?